**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

***Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Dicembru 2001***

Citazzjoni numru 27/95

Joe Attard ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta

-vs-

Pinu Attard

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur ipprezentata fis-26 ta' April 1995:

Illi l-konvenut fid-29 ta' Jannar 1993 waqt li kien qed jaghmel xoghol ta' demolizzjoni ta' bini f'Giant Street, Xaghra, Ghawdex laqat "high tension cable" proprjeta' ta' l-attur nomine;

Illi d-danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi cable jammontaw ghall-hames mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin, hamsin centezmu u zewg millezmi (Lm525.50,2);

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata Ottubru 1994 huwa baqa' inadempjenti;

Talab ghax m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-hsara kkawzata f'proprjeta' ta' l-attur nomine f'Giant Street, Xaghra, Ghawdex fid-29 ta' Jannar 1993;

2. tikkudannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin hamsin centezmu u zewg millezmi (Lm525.50,2) in linea ta' danni sofferti mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-hsarat ikkawzati fl-istess proprjeta' kif fuq premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata Ottubru 1994, u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt billi hu m'ghamel l-ebda hsara fil-cable tad-dawl imsemmi fic-citazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Ezaminat il-provi u l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Li l-unika haga certa u pruvata hija l-hsara fil-"high tension cable" li kien ghaddej minn Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex, sostnut minn arblu sporgut mill-bini. Mill-bqija l-provi dwar li kien proprju l-konvenut li kkawza l-hsara huma spekulattivi u tali li ma jwasslux lanqas sal-prova tal-probabbli.

L-onus probandi f'dan il-kaz kien jaqa' fl-intier fuq l-attur nomine li ma irnexxilux jipprova dak allegat minnu. Hija merament spekulazzjoni bbazata fuq supposizzjoni l-allegazzjoni ta' l-attur li kien proprju l-konvenut li kkawza d-danni unikament minhabba li kellu gaffa fil-vicinanzi. Ix-xhud principali f'dan ir-rigward prodott mill-attur nomine fil-persuna ta' PS231 Carmel Xerri ma rahx lill-konvenut jopera l-gaffa u stabilixxa li se mai hu, cioe' il-konvenut, kien qieghed jopera bil-gaffa ferm 'il gewwa minn fejn twaqqa' parti mill-hajt fejn kien hemm l-arblu.

"Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu ifittex, u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubbju ragjonevoli"[1]. Tali certezza morali "must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and

probabbly arise from them"[2].

Fil-kaz in mertu l-grad ta' certezza morali bazata  fuq il-preponderanza tal-probabbilitajiet fid-dawl tal-provi li ngabu hija ghal kollox nieqsa u kwindi l-azzjoni ttentata mill-attur nomine ma tistax tirnexxi kontra l-konvenut citat.

In vista' ta' dan fuq espost il-Qorti qeghdha ghalhekk tichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

[1] Appell fl-ismijiet Eucharisto Zammit versus Eustrachio Petrococchino C.B.E. ne, deciz fil-25 ta' Frar 1952 u riportat Vol xxxvi, PT.1, PG.319.

[2] Citazzjoni minn Powell  "On Evidence"  citat fl-imsemmija sentenza (pagna 329)